MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru 1056/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**v**

**ANNALISE AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **ANNALISE AGIUS** ta' tlieta w ghoxrin sena, bint Anthony u Miriam nee Borg, imwielda Pieta nhar d-dsatax ta' Mejju 1985 u toqghod 12, Sqaq San Vincenz, Haz Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita numru 302685M giet mressqa quddiemha akkuzata talli b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. bejn d-dsigha w ghoxrin ta' Settembru 2008 w it-tlettax t'Ottubru 2008 gewwa Hal Tarxien, Santa Venera, Haz Zabbar, Hal Qormi, Bormla, l-Fgura u f'dawn

il-Gzejjer, xjentement iddistruggiet billi harqet karta tal-identita;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha karta tal-identita li mhux taghha w ghamlet uzu minnha;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' ogetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqot pattijiet, dispozizzjonijuet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex geghlet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' 1946.87 Euros (elf disgha mija sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centezmu) ghad-dannu ta' John Micallef detentur tal-karta ta'identita 327749M, Gordon Borg detentur tal-karta tal-identita 192275M, Pierre Cremona detentur tal-karta tal-identita 286273M, Joseph Lewis detentur tal-karta tal-identita 539346M, George

Debono detentur tal-karta tal-identita 559152M, Joseph Farrugia detentur tal-karta tal-identita 140081M, Felice Pavia detentur tal-karta tal-identita bin-numru 219162M u/jew HSBC Bank plc;

7. talli fis-sittax (16) ta' Lulju 2008 għal ħabta tan-nofs siegha (12:30hrs) ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq Maitland, Hamrun u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' basket, dokumenti u mitt (100) Euro minn ġewwa l-vettura tal-ghamla Piaggio Porter bin-numru ta' registrazzjoni CBH 707, propjeta ta' Frederick Stapley u Agnes Stapley, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

8. talli fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Settembru 2008 għal ħabta tat-tlieta neqsin kwart (14:45hrs) ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' cheque book u handbag minn ġewwa l-vettura tal-ghamla Renault 19 bin-numru ta' registrazzjoni CBD 232, propjeta ta' Clara Tomasuolo, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

9. talli fis-sittax (16) ta' Lulju 2008 għal ħabta tan-nofs siegha (12:30hrs) ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq Maitland, Hamrun u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gzejjer, ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioe għamlet ħsara fil-vettura tal-ghamla Piaggio Porter bin-numru ta' registrazzjoni CBH 707, propjeta ta' Frederick Stapley, liema ħsara hija ta' aktar minn hamsin lira Maltin għad-dannu tal-istess Fredrick Stapley.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385

tal Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom z-zewg strqarrija rilaxxjati mill-istess imputata kif wkoll l-fedina penali tal-istess imputata.

Semghet lil imputata tirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u dan fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin t’Ottubru 2008, meta sar l-ezami ai termini tal-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputata sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputata minn fejn jirrizulta li l-imputata m’ghandha ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandha tigi trattata bhalikieku hija *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputata mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 180, 183, 184, 308, 309, 277(b), 271, 325(b) u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 11, 142(c), 12(1) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddeciedi li tikkundannaha ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**In oltre, qed taghmel ordni ta' supervizjoni ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu kollu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notfikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat idoneju ghas-supervizzjoni tal-imputata.**

**Il-Qorti spjegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita taghha u x'jigri jekk hi tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' erbgha [4] snin u l-imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb.**

Il-Qorti tordna, wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**V**

**ANNALISE AGIUS**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 31 t'Ottubru 2008**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **ANNALISE AGIUS** ta' tlieta w ghoxrin sena, bint Anthony u Miriam nee Borg, imwielda Pieta nhar d-dsatax ta' Mejju 1985 u toqghod 12, Sqaq San Vincenz, Haz Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita numru 302685M **giet ikkundannat** ghal **piena karcerarja ta' sentejn (2) sospizi ghal erbgha (4) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

**Tordna li** l-imsemmija persuna mputata **ANNALISE AGIUS** ta' tlieta w ghoxrin sena, bint Anthony u Miriam nee Borg, imwielda Pieta nhar d-dsatax ta' Mejju 1985 u toqghod 12, Sqaq San Vincenz, Haz Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita numru 302685M **titqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' erbgha (4) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta' erbgha (4) snin l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tas-Supervision Officer, inkluz kull direttivi li Supervision Officer jhoss li

jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Supervision Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk s-Supervision Officer ikun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;
3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lis- Supervision Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;
4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Supervision Officer kull tlett (3) xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Supervision Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess persuna mputata;
5. Illi taghmel program ta’ rihabilitazzjoni dwar il-problema tad-droga li ghandha;
6. Illi zzomm ‘l boghod mill-inħawi tal-Marsa kemm bil-lejl kif wkoll matul l-gurnata.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil persuna hatja, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond l-Ligijiet ta’ Malta.**

……………………………..

……………………………..
**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------